MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## VALENZIA GEOFFREY

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2002

Citazzjoni Numru. 1111/2002

**Il-Prokuratur Legali Madeleine Firman bhala mandatarja specjali tas-socjeta' estera Industrie Ceramiche Piemme Spa,**
**u in rapprezentanza tal-istess**

**Vs**

**Esten Manufacturing Company Limited**

**Il-Qorti.**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess ili s-socjeta' konvenuta ghandha taghti lis-socjeta' attrici s-somma li fid-data tas-sentenza tkun ekwivalenti fi flus Maltin ghal erbghatax il-elf u hamsa u tmenin Euros punt sitta u erbghin (EURO 14,085.46) illum dina s-somma hija ekwivalenti ghal hamest elef sebgha mija u disgha u

erbghin liri maltin u sbatax-il centezmi (Lm5, 749.17), liema somma hija dovuta lis-socjeta’ attrici ghal prezz ta’ ceramica u merci ohra relatati konsenjati lis-socjeta’ konvenuta mis-socjeta’ attrici fuq ordni tal-istess socjeta’ konvenuta skond l-annessi fatturi relattivi numri 71107 datat 06/03/2001, Dokument “A” 71707 datat 03/04/2001 Dokument “B”;

Premess illi ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex thallas lis-socjeta’ attrici s-somma komplessiva hawn fuq indikata, s-socjeta’ konvenuta xorta baqghat inadempjenti;

Premess illi, fil-fehma tas-socjeta’ attrici, dan id-dejn huwa veru, cert, likwidu u dovut u s-socjeta’ konvenuta ma ghandhiex eccezzjonijiet xi ggib ghat-talba ghall-hlas tas-socjeta’ attrici;

Premess illi s-socjeta’ konvenuta ghalkemm interpellata diversi drabi ghall-hlas baqghet inadempjenti; u

Premess illi, ghalhekk dan jaghti d-dritt lis-socjeta’ attrici tipprocedi kontra is-socjeta’ konvenuta bi procediment sommarju specjali kif provdut fl-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif fil-fatt qeghda taghmel;

Ghaldaqstant is-socjeta’ attrici talbet lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportun:

1. tiddecidi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, u

2. tikkundanna s-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma bilancjali li fid-data tas-sentenza tkun ekwivalenti fi flus Maltin ghal erbghatax–il elf u hamsa u tmenin Euros punt sitta u erbghin (EURO 14,085.46) liema somma hija dovuta lis-socjeta’ attrici ghal prezz ta’ ceramica u merci ohra relatati konsenjati lis-socjeta’ konvenuta mis-socjeta’ attrici fuq ordni tal-istess socjeta’ konvenuta skond l-annessi fatturi relattivi numru 71107

datat 06/03/2001, Dokument “A”, 71707 datat 03/04/2001 Dokument “B”

Bl-ispejjez inkluzi dawk ghall-ittra ufficjali datata 16 ta’ April, 2002 u tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju u tal-mandat ta’ qbid kawtelatorju li gew prezentati kontestwalment fl-ismijiet premessi u bl-imghaxijiet kummercjali mid-dati tal-fatturi relattivi (Dokumenti “a”, “b” ) sad-data tal-hlas effettiv.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tal-attrici nomine;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta’ konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet l-avukat tal-attrici nomine;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tas-socjeta’ konvenuta tiddecidi billi t-tilqa’ t-talba tal-attrici nomine ghall-ammont ta’ erbghatax il-elf u hamsa u tmenin Euros punt sitta u erbghin (EURO 14,085.46) ekwivalenti fi flus maltin fid-data tal-prezentata tac-citazzjoni ghall ammont ta’ hamest elef tmien mija u sittax il-lira Maltin u disgha u hamsin centezmi (Lm5,816.59), bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**